**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 21 ta' Marzu, 2017**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 372/2012**

**Joseph Mercieca, Michele Angelo Mercieca,**
**Franceso Mercieca, Raymond Mifsud u Carmela Laus**
**ulied il-mejta Maria Anna Mifsud u**
**Raymond Hili iben il-mejta Antonia Hili**

**vs**

**Geoffrey u Claudette konjugi Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-11 ta’ April, 2012 li jghid hekk:

1. Illi nhar it-12 ta' Novembru 2011, miet Alfred Mercieca guvni bin il-mejtin Gaetano u Carmena nee Zammit, u dan kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt tieghu u li jigi hu l-atturi Joseph Mercieca, Michele Angelo Mercieca, Francesco Mercieca u kif ukoll iz-ziju tal-atturi Raymond Mifsud, Carmela Laus u Raymond Hili;

2. Illi minn ricerki testamentarji jirrizulta li d-defunt Alfred Mercieca ghamel mill-inqas erbatax-il testment skont kif ser jirrizulta mir-ricerki testamentarji li ser jigu pprezentati fil-mori tal-kawza, u jirrizulta li bl-ahhar testment li kien dak fl-atti tan-Nutar Dottor Henri Vassallo tat-30 ta' April 2009, l-imsemmi Alfred Mercieca filwaqt li rrevoka kull testment iehor li ghamel qabel u ddispona ghal wara mewtu permezz tat-testment suriferit;

3. Illi permezz ta' dan l-ahhar testament surriferit, id-defunt Alfred Mercieca kien innomina bhala werrieta universali tieghu lill-konvenuti;

4. Illi meta d-defunt ghamel it-testment tat-30 ta' April 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Henri Vassallo izda mhux limitatament ghal tali testment hu ma kienx jippossjedi l-fakultajiet mentali kollha b'mod li seta' japprezza dak li kien qed jaghmel u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

5. Illi effettivament fid-data ta' dan it-testment u cioe 30 ta' April 2009, kif ukoll snin qabel l-imsemmi defunt Alfred Mercieca kien ilu taht kura psikjatrika sakemm miet, skont kif ser jirrizulta fil-mori ta' din il-kawza u kwindi ma kienx fil-pieni poteri mentali u ntelletwali tieghu u ghalhekk ma kienx fil-kapacita li jaghti l-kunsens tieghu biex jiddisponi minn hwejjgu skont il-ligi;

6. Illi dan jirrendi t-testment precitat u cioe dak tat-30 ta' April 2009 kif ukoll dawk ezistenti precedentement minn meta kien gie dijanjostikat li jbati minn tali kundizzjoni psikjatrika bhala null u bla effett legali, in kwantu kif ghandu jirrizulta d-defunt Alfred Mercieca ma kellux l-uzu tar-raguni u ghalhekk ma kienx jippossjedi l-fakultajiet mentali kollha b'mod li seta' japprezza dak li qed jaghmel;

7. Illi stante l-fatt li d-defunt ma kellux tfal, u l-genituri tieghu huma mejta, kwindi r-rikorrenti atturi familjari tieghu qeghdin jidhru fl-istanza odjerna bhala l-legittimi successuri u werrieta tad-defunt Alfred Mercieca;

8. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghar-revoka tat-testment precitat kif ukoll kull testment iehor precedentement maghmul mid-defunt minn meta gie dijanjostikat bil-kundizzjoni psikjatrika 'il quddiem, u cioe minn dak tat-30 ta' April 2009 lura.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitolbu iil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li meta d-defunt Alfred Mercieca ghamel it-testment tat-30 ta' April 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Henri Vassallo u kull testment iehor minnu maghmul qabel, l-imsemmi Alfred Mercieca ma kienx jippossjedi l-fakultajiet mentali tieghu, b'mod li ma setghax japprezza dak li qed jaghmel;

2. Tiddikjara li l-kunsens moghti mill-imsemmi defunt fuq l-imsemmi testament u kull testment iehor precedentement maghmul kien wiehed vizzjat stante li ma kellux il-fakoltajiet mentali u intellettwali kollha kif fuq inghad;

3. Tiddikjara u tiddecidi li t-testment fl-atti tan-Nutar Dottor Henri Vassallo tat-30 ta' April 2009, li permezz tieghu d-defunt Alfred Mercieca halla bhala eredi universali lill-konvenuti u kif ukoll kull testment iehor precedentement huma ghal kollox nulli u bla effetti fil-ligi minhabba nuqqas ta' kapacita tal-istess defunt Alfred Mercieca li b'xi mod jiddisponi;

4. Tiddikkjara konsegwentament, li l-atturi huma l-unici eredi u successuri tad-defunt Alfred Mercieca.

B-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni:

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1) Illi fl-ewwel lok jigi eccepit illi l-intimati konvenuti mhumiex il-legittimi kontraditturi in rigward testmenti ohra li ma gewx kjarament elenkati fir-rikors guramentat li l-atturi qed jallegaw li kellu d-defunt.

2) Illi fit-tieni lok, jigi eccepit li l-atturi ghandhom jindikaw x'locus standi ghandhom f'din il-kawza u a bazi ta' xhiex qed jippretendu li ghandhom il-jedd li jitolbu lill-Qorti biex jithassar it-testment indikat fir-rikors guramentat kif wkoll testmenti ohra li dettalji taghhom mhux indikati fir-rikors guramentat.

3) Illi fit-tieni lok, jigi eccepit li din il-kawza giet intavolata mir-rikorrenti wara li whud mill-atturi kienu notifikati bil-kawza fl-ismijiet Geoffrey u Claudette konjugi Falzon vs Joseph Mercieca, Francesco Mercieca u Raymond Hili (Rik. Gur. Numru 209/2012JA) liema kawza qed tinstema minn din il-Qorti diversament presejduta rigward talba ghaz-zgumbrament tal-konvenuti minn proprjetajiet li l-intimati wirtu minghand id-defunt Alfred Mercieca.

4) Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-atturi ghandhom jippruvaw l-allegazzjonijiet taghhom li d-defunt Alfred Mercieca ma kellux il-hiliet li jiddisponi minn gidu wara mewtu permezz ta' testment.

5) Illi t-testment li bih il-konvenuti gew nominati bhala eredi universali tal-mejjet Alfred Mercieca huwa testament validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

6) Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessibbli skond il-ligi.

7) Illi ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi rikorrenti.

8) Illi l-esponenti jafu bil-fatti esposti personalment.

Rat l-atti u nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza ghal dikjarazzjoni ta' nullita ta' testament senjatament dak maghmul min Alfred Mercieca fit-30 ta' April 2009 atti Nutar Henri Vassallo peress li qed jigi allegat illi l-istess Alfred Mercieca ma kellux l-uzu tar-raguni u ghalhekk ma kellux il-kapacita mentali biex japprezza dak li kien qed jaghmel.

Qabel ma wiehed jidhol fil-mertu tal-azzjoni jigi rilevat illi l-konvenuti qajmu kwistjonijiet preliminari peress illi l-atturi oltre d-dikjarazzjoni tan-nullita tat-testment

talbu wkoll in-nullita ta' kull testament iehor li seta' ghamel qabel, ghall-istess raguni. Il-konvenuti jikkontendu illi jekk qed jigu attakkati testmenti ohra, iridu jiddahhlu fil-kawza il-beneficjarji kollha involuti biex l-atti jkunu kompleti. Fil-fatt fil-mori tal-kawza l-atturi ghamlu rikors biex jiddahhlu numru ta' persuni ohra beneficjarji fit-testmenti precedenti ghall-ahhar wiehed li fil-fatt hassar kull testament iehor precedenti. Wara li semghet il-partijiet il-Qorti ddekretat illi ghandha l-ewwel tinghata sentenza preliminari fuq il-validita o meno tat-testment tat-30 ta' April 2009 qabel jigi kunsidrat jekk ghandhomx jigu kjamati persuni, beneficjarji f'testmenti precedenti (fol. 290 tal-process). Ghalhekk il-provi li nstemghu u s-sentenza ser tinghata primarjament b'referenza ghall-ahhar testament ta' Alfred Mercieca li miet fit-12 ta' Novembru 2011.

In kwantu ghat-tieni eccezzjoni dwar il-locus standi tal-atturi f'dawn il-proceduri, li din il-Qorti fehmet fis-sens ta' interess guridiku li l-atturi jista' jkollhom jmexxu azzjoni simili, tali eccezzjoni mhix siewja peress illi t-talba tal-atturi finalment hi li jithassru t-testmenti kollha biex Alfred Mercieca jigi dikjarat li miet intestat u ghalhekk jirtuh il-qraba l-aktar vicin tieghu cioe hutu u wlied hutu peress illi Alfred Mercieca kien guvni, u miet bla wlied.

**Provi**

Fl-affidavit tieghu **Joseph Mercieca** xehed fuq huh Alfred Mercieca dwar l-ahhar 10 snin ta' esperjenzi fattwali. Alfred Mercieca kien ibati minn depression u fil-fatt ghamel 15-il jum fil-psychiatric unit San Luqa. Kellu zewg hearing aids u xorta kien qed jittarrax. Ommu Carmena kienet tinkwieta fuqu li ma kienx mentalment f'sahhtu. Bhala mard kellu chronic diabetes u kien jiehu l-insulina darbtejn kuljum. Ma kienx jiflah ghall-injections u dan kien il-bidu tal-kollass mentali tieghu. Kien imdorri jqum tard u jiekol xi haga. Minhabba l-insulina kellu jqum kmieni jmur il-policlinic. Kien jaghmel affarijiet ta' bniedem mhux f'sensih. Bdew jigu tal-MMDNA u kienu jafu bl-instabbilita tieghu u qalulu jmur ghal kura u anki rrapurtaw lis-superjuri taghhom li baghtu welfare officer. Dahal l-isptar Mater Dei tlett darbiet, darba ghax bela' hafna pilloli biex inehhi hajtu u sabuh fil-ghodu fis-sodda mitluf. It-tobba riedu jibaghtuh Monte Carmeli izda huh Franceso ma riedx ghax thassru. It-tieni darba sabuh mal-

art mitluf wara li x-xhud induna li l-kaxxa tal-ittri kienet mimlija u l-bieb maghluq. Kellu ferita fuq ghajnu u dam hmistax l-isptar. It-tielet okkazjoni hareg tard fil-ghaxija bla ma biddel u nhasel u waqa' f'gandott ghamel xi sena u nofs ma johrogx mid-dar hlief biex imur il-bank u okkazjonijiet rari ohra. Dan kien ghax ma kienx mentalment f'sahhtu.

Indikattiv tal-istat mentali ta' Alfred kien li meta waslet biex tmut ommu fl-isptar fl-4 ta' Frar 1972, baqa' d-dar isajjar u jiekol qisu xejn ma hu xejn. F'xi zmien ried ibiegh id-dar tieghu fil-Gzira Lm110,000 u saritlu offerta ta' Lm90,000 li ma accettax u mbaghad bieghha Lm62,000. Mbaghad mar joqghod Santa Venera u rega' gie lura l-Gzira f'terran zghir li xtara. Darba ohra tah sikkina biex joqtlu biha ghax qallu li xaba jghix.

Darba fis-2.00am cemplulu l-pulizija jmur d-dar ta' huh ghax il-girien cemplu li hu kien qed jaghmel hafna storbju u ghajjat. Hu ta permess lil pulizija jisgassaw ghax Alfred ma fetahx meta bdew ihabbtulu. Sabuh konfuz u stunat u ma jafx x'gara. Il-girien ghaddew minn zmien difficli ghax Alfred kien jiddellirja minhabba d-depression u spiss kien isemmi li jrid inehhi hajtu. Kien jirrifjuta li jiehu kura. Kien jigref lilu nnifsu u tmur x'hin tmur ghandu kont issibu fuq is-sufan jibki u jaghmel affarijiet ta' bniedem mhux f'sensih.

ix-xhud kien imur hafna drabi tul il-jum ghand huh, inaddaflu, jahsillu l-hwejjeg, isajjarlu, jzommlu kumpanija u jehodlu hsieb kelb u qattusa li kellu. Ma kienx kapaci jiehu hsieb ta' xejn. Kien jixtrilu l-medicina u hu u huh Franceso kienu jakkumpanjawh l-isptar u ghand it-tobba. Hu kien isajjarlu kuljum izda f'xi zmien bla raguni qabbad lil gar certu Geoffrey Falzon isajjarlu hu u kien jaghtih €65 fil-gimgha. Falzon kien jaghtih l-ikel u jitlaq. Hu, huh Francesco u n-neputi Raymond Hili baqghu jzuruh kuljum. Baqghu jirrispettawh sal-ahhar, inkluz sarlu funeral sabih kif xtaq hu.

**Francesco Mercieca** hu Alfred, fl-affidavit tieghu, jixhed li mit-tfulija Alfred kien ibati minn nuqqas ta' smigh u aktar ma ghadda zmien aktar beda jittarrax. Kien iwahhal f'ommu u kien ikun imdejjaq ghax kien ighix f'dinja ta' silenzju. Beda jinqata' ghalih

wahdu u anqas hbieb ma kellu. Biex tkellmu trid tghajjat u tikkomunika mieghu bil-mossi.

Jirrakonta illi l-aktar episodju li kkondizjonatlu hajtu mentalment kien meta gie abbuzat sesswalment meta kellu erbatax-il sena. Qatt ma ttiehdu passi kontra l-persuna li abbuzatu.

Hu kellu fissazzjonijiet meta kien jissikka l-vitien tal-ilma u gieli kissirhom jew kien isabbat il-bieb ta' barra biex jaccerta ruhu li ghalqu u joqghod jissara mieghu biex jizgura li ghalqu sew. Kien ukoll idum jaghmel xaghru.

Alfred kien jinkwieta lil genituri tieghu u jiggieled maghhom ghal kull haga ta' xejn u iktar ma jarahom inkwetati kien jghidilhom li jixtieq jarahom mejtin u li ser jaghmel suicidju. Ir-rabja li kien juri ma kinitx normali tant li kien jehodha kontra Alla u l-proxxmu. Meta ghadda zmien hu kien ukoll qallu li ghamel patt ma' satana. Episodji ohra fil-hajja ta' huh Alfred kienu meta beda jahdem bhala watchman fi gnien tal-gvern u t-tfal kienu jinbxuh u hu kien jaghmel ghalihom u jheddidhom li jitfaghhom mis-sur ghal isfel. Fl-istess zmien kien ta' daqqa ta' muftieh lil huh Carmelo u qasamlu rasu. Mart huh riedet tibaghtu Monte Carmeli izda ommu talbitha ma taghmilx hekk.

Fl-1998 huh gie boarded out ghax mentalment instabbli u esebixxa certifikat ta' Dr George Debono a fol. 32 tal-process datat 15 ta' Ottubru 1998.

Ftit snin qabel miet hu dahal l-isptar ghax waqa' u riedu jibghatuh Monte Carmeli izda beda jibki u thassru u ffirma biex jibghatuh id-dar. Sena minnhom Alfred ghamel zmien ghal kura psikjatrika taht ordni tat-tabib fis-sezzjoni psikjatrika ta' San Luqa.

Fl-ahhar ghaxar snin il-kundizzjoni fizika u mentali ta' Alfred iggravat. Ix-xhud flimkien ma' huh Joe u n-neputi Raymond kienu jduru bih kif setghu billi jzommulu kumpanija, jahslulu u jsajjrulu u jehduh ghal visti l-isptar.

Raymond Hili, neputi ta’ Alfred, xehed li hu gie Malta ma’ ommu mill-Kanada meta mietet nanntu Carmela fl-4 ta’ Frar 1972. Huma marru joqghodu maz-zijiet fosthom Alfred u avolja dak iz-zmien kellu seba’ snin ra lil zijuh Alfred jiekol waqt li ommu kienet qed tmut. Zied li dakinhar tal-funeral qabad skutella ta’ ras u qal li kienet ta’ zitu u habbatha mal-art ghax qal li ma kinitx tahmlu. Hu dam joqghod ma’ ommu ghand iz-zijiet sal-1977. Jiftakar lil zijuh ighajjat u jidghi u jiggieled ma’ kulhadd anki fuq ix-xejn. Kien ikisser u jifissa fil-vitien tal-ilma u tant kien jissikahom li kien ikollhom jibdluhom. Il-bieb ta’ barra kien idum hin twil biex jara hux maghluq sew. Meta mietet omm ix-xhud, Alfred tah cheque ta’ €10,000 u staqsih kellux flus ghal funeral. Ix-xhud qallu li kien gia hallsu u zijuh talbu jzomm ic-cheque biex jaghmillu funeral kbir. Hu tah ic-cheque lura. F’xi zewg okkazjonijiet mar bil-lejl jiftah il-bieb ta’ zijuh ghax hu kien izomm ic-cavetta wara rapport tal-girien li zijuh kien qed jaghmel hafna storbju u jghajjat. Meta mar jiftah ma setax ghax il-bieb kien imsakkar minn gewwa u kellhom ikissru biex jidhlu. Zijuhom sabuh qisu ma jafx x’inhu jigri. Xi tlieta jew erbgha snin qabel miet zijuh xtara b’kemm jiswew €13,000 f’deheb u wara ftit mar jerga’ jbieghu u nghata biss €2,700 tieghu.

Hu kien izuru ta’ spiss flimkien ma’ martu u gieli sajjarlu u hasillu u jqaxxarlu l-lehja u meta kien rikoverat l-isptar kienu jmorru jarawh kuljum. Hu waqaf imur spiss ghand zijuh ghax it-tifla tax-xhud ta’ seba’ snin kienet tiddejjaq tisma lil Alfred jghid li jird inehhi hajtu b’idejh. Meta kienu jzuruh dejjem kienu jsibuh fuq is-sufan, jibki u jaghti fuq rasu u jghid li jrid imut u jitolbu jghinu jnehhi hajtu. Dejjem irrifjuta li jmur ghand psikjatra. Ftit ta’ zmien qabel dahal l-isptar qabbad lil gar Geoffrey Falzon isajjarlu u kien jaghtih €65 fil-gimgha. Billi dejjem kien jghidlu li ried funeral mill-aqwa, hu assikura li jsirlu funeral tajjeb.

Xehed **Dr Ronald Fiorentino**, supretendent tal-isptar San Vincenz li esebixxa l-case notes ta’ Alfred Mercieca. Hu rrefera ghal case summary meta gie rilaxxat mill-isptar Mater Dei fis-7 ta’ Marzu 2011 wara li ddahhal fil-21 ta’ Frar 2011 ghax kien waqa’. Hu spjega hekk:

> huwa 61 year old gentleman, with a long history of schizophrenia, diabetic on insulin jigifieri qed jiehu l-kura ghad-diabete, kellu l-pressjoni hyper u ... Kien dahal l-isptar Mater Dei b'confusion, anxiety u he was ..., found to be "neglected, dehydrated and ..., jigifieri kellu l-melh fis-sistema cirkolatorja kienet baxxa, is-sodium kien qieghed baxx. He was treated effectively and

> transferred to Karen Grech Hospital and rehabilitation, remains poorly communicative at times and insists he is hard of hearing, however when interested understands everything said to him. Having recurrent falls with tbengil li jkun hemm kollezzjoni tad-demm over hips, X-ray taken, the last one was on discharge and shows low fractures. Set of blood tests were taken prior to discharge reviewed by psychiatrist at Karen Grech Hospital and treatment was adjusted accordingly. Now he is dependent in activities of daily living, jigifieri ma jkunx jista' jaghmel certu attivita' bhal jiekol, jigrumja, jaghmel xaghru etc, affarijiet bhal dawn. But mobilizes independently, jigifieri johrog minn gos-sodda wahdu. However currently is limited' by pain in the hip due to hip ... Following the recurrent falls. Patient was discharged to long term care in a stable condition u dan gie gewwa San Vincenz fl-4 ta' April 2011.

**Dominic Abela**, habib tax-xoghol bhala watchman li kien ilu jaf lil Alfred Mercieca xi 41 sena xehed li Alfred kellu depression u fl-ahhar hames snin (xehed fol-2013) kien ighdlu li jrid jidhol taht karozza, kien jobrox wiccu, jaghti fuq siggu u jghajjat. Gieli mar ma' hu Alfred ghand tabib tal-mohh. L-isptar Mater Dei mar mieghu xi tlett darbiet. Kien jidher li mhux normali. Anki d-dar halliha mahmuga. Kien imur jarah id-dar kuljum u kien imur ghax veru kien habib bl-affarijiet li kien jarah jaghmel u l-intiena fid-dar. Hu qal li jaf lil konjugi Falzon bhala girien ta' Alfred u kienu jehdulu xi hobz lil Alfred. Alfred ma kellmux dwarhom.

**Maria Dolores Gatt**, gara ta' Alfred Mercieca xehdet li kienet ilha toqghod hdejh xi tmien snin qabel miet. Kien jidher naqra mignun u dejjem bezghana minnu jew li jqabbad id-dar. Kienet tkellmu u kien jifhimha avolja tghidlu x'tghidlu jaghmel ta' rasu. Kien jidher differenti pero ghax jibki hafna ta' xejn b'xejn u jghid li jixtieq imut. Kienet tkellmu kuljum ghax ommha u ommu dejjem kienu hbieb. Hi telqet mill-Gzira fl-2010 wara li mietet ommha. Sakemm telqet taf li kienu jiehdu hsiebu huh u girien joqghodu faccata tieghu cioe l-konvenuti pero ma tafx x'kienu jaghmlu.

**Dr Joseph Vella Baldacchino**, psikjatra, xehed li ghalkemm Alfred Mercieca kien pazjent tieghu fl-outpatients department ma jkunx rah hu personalment izda l-assistenti tieghu minhabba in-numru kbir ta' pazjenti. Pero minn notamenti li hemm fil-file mediku esebit, safejn hemm l-informazzjoni, jidher li apparti diversi problem fizici fosthom hypothyroidism, diabete, u nuqqas ta' vista, hsara fl-ghajejn kellu storja ripetuta ta' depression fejn rawh diversi psikjatri. Hemm indikazzjoni fil-file fejn zewg tobba, wiehed issugerixxa ezami tal-mental capacity u iehor rrefera ghal mental

retardation. Ix-xhud ma setghax jidhol fil-mertu jekk il-pazjent kienx ibati minn schizophrenia bbazat biss fuq dak li hemm fil-file mediku izda spjega li tista' tkun schizophrenic u tkun genju "mohhok mhux qed jahdem sew, pero jekk inti l-kapacita tieghek qeda sew allura jista' jkun anki minn affarijiet ohra fosthom anki per ezempju l-hypothyroidism li hija nuqqas ta' thyroid hormone".

**Dr Etienne Muscat**, psikjatra tal-isptar Mater Dei li esebixxa l-file mediku ta' Mater Dei li ra lil Alfred Mercieca meta kien l-isptar f'Awwissu 2009 rrifera ghal document tal-isptar a fol. 118 fejn jirrizulta illi l-pazjent ikun irrifjuta li jibqa l-isptar kontra l-parir tat-tabib u ghalhekk ikun iffirma biex jitlaq. Irrefera wkoll ghad-dokument a fol. 100 tal-process li hi talba ghal medicina ghal Alfred Mercieca li tikkonsisti f'anti depressant ghal schizophrenic condition u effective disorder. Pero spjega li biex tingieb din il-medicina fl-2009 l-uniku mezz kien li jigi dikjarat li l-pazjent kellu schizo effective disorder. Hu rrefera ghal dak li kiteb fid-dokument f'pagna 103 tal-process cioe fis-26 ta' Awwissu 2009 u l-impressjoni tieghu kienet li l-pazjent kien ibati minn "chronic depression with rather dramatic behaviour but he had done a serious overdose". Jidher li dahal l-isptar with history of overdose with suicidal intent. Hu zied li kien depressed u distressed imma 'non psychotic' jigifieri ma hass li kien maqtugh mir-realta imma li l-kondizzjoni kienet tqabbdu hafna distress. Meta rah fis-26 ta' Awwissu 2009 is-suicidal intent kienet marritlu, imma inkwetat ghax mhux jara sew minhabba d-diabete. Kiteb li minhabba s-serjeta tal-overdose kien ser ikollu bzonn hospitalisation wara l-kwistjonijiet medici jigu rizolti, u l-pazjent ma riedx.

Ix-xhud qal li l-file ta' Mater Dei jkollu l-informazzjoni medika u psikjatrika kollha tal-pazjent hlief dawk relatati mal-isptar Monte Carmeli li hu file differenti. Il-Qorti staqsiet lil attur Joseph Mercieca jekk Alfred Mercieca qattx kien Monte Carmeli u hu rrisponda fin-negattiv.

Ix-xhud qal li l-file ta' Alfred Mercieca almenu b'referenza dokumentata migbura fih li jmorru lura sal-1986 juru l-istorja medika tieghu. Hu ssottometta s-segwenti opinjoni:

> Illi kien ibati ghal numru ta' snin, almenu mmn 1991, minn stat dipressiv, li l-istat dipressiv gieli tant kien hazin li kien spicca xi drabi l-isptar St Luke's ghal xi zmien early 90s, li kien dejjem jinkwieta lil ta' madwaru u meta gew involuti s-social workers later on fit-2000 ghaliex kienu jinkwetaw ghal mod kif kien kapaci jzomm lilu nnifsu, pero fil-psikjatrija qatt ma qalu li ma kienx

kapaci, dejjem qalu li nifhmu li mhux ideali imma ma hemmx raguni, dan mhux biex nuza l-kelma biex nifhmu, mhux mignun, pero jidher imbaghad specjalment mit-2011 'l quddiem kien hemm hafna iktar noti li mhux qed jifhem, jigifieri fit-2011 bdew rikorrentement jghidu li komunikazzjoni hija difficli mmens mieghu. Imbaghad in March 2011 dan by the end kien go Karen Grech I believe jew San Vincenz, il-Geriatrician in March 2011 filfatt ghamel referenza, riferta, lil Psychiatric Out-Patients specifically requesting an assesment of mental capacity. Jigifieri March 2011 now need to know, whether he has the mental capacity to decide re: further plans, jigifieri hemmhekk.

Qorti: Jirrizulta x'imkien li dan l-assessment sar?

Xhud: Ghax l-appuntament inghata 2012 u ghandikun he passed away by then. Jigifieri hemm qisu dik il-progression. Ma nafx liema zmien l-iktar jinteressakom imma 2011 bdew cari.

Avukat: U qabel 2011?

Xhud: Kien hemm numru ta' visits, kien hemm numru ta' visits l-out-patients u kien hemm almenu darbtejn fejn dahal l-isptar u raha lili 2008, 2009 fejn pero l-istess jiena ghidt li kien, biex nuza kelma mhux ezatt, ghidt li kien b'mod daqxejn eccentriku, kien attached hafna mall-kelb u attached hafna ma' huh, huh minghalija kien jismu Simon minix cert.

Qorti: Pero pre 2011 il-kapacita' mentali tieghu.

Xhud: Ha nispecifika, qatt ma gie, this is very very difficult to answer il-ghaliex qatt ma gie assessed formally, jigifieri l-kapacita' li jaghmel testment mhux l-istess bhal kapacita' li jghix wahdu.

Qorti: U zgur li le.

Xhud: U kien qed jigi assessed jistax jghix wahdu jew le u kien hemm car li sia t-tabib tal-familja kellu concerns u gieli hutu kellhom concerns, u hutu wiehed minn hutu dejjem huwa mnizzel bhala next of kin jigifieri jidher li kien hemm konsistenza.

Qorti: Pero ma jfissirx li jekk mhux kapaci jghix wahdu mhux kapaci jaghmel testment wahdu u jaghraf x'inhu jaghmel u jifhem x'inhu jaghmel.

Xhud: Imbaghad kien hemm fluctuations jigifieri gieli tghid dan qieghed hazin ghax qed jiffissa li qed jghama, mbaghad wara tghid speci ta' stabbli. Allura hemm dik l-issue, jigifieri qatt ma hemm that assessment, pero nista nghid li it is highly likely that from 2011 ma kienx hemm kapacita' jew kienet tkun only with the backing of a psychiatric certificate.

Qorti: Okay from 2011 onwards il-probabilta' dik kienet.

> Xhud: Iva gieli semma' suicidal thoughts, gieli semma' suicidal thoughts they go back a long time over..mela suicidal thoughts gie anki assessjat minni kien 2008, in 2006 assessjat, u kienu affarijiet kronici u ma hassejniex Ii kienu imminenti. Filfatt kien hemm admission with a suicide attempt in 2009, pero going back several years kien hemm affarijiet odd, tipo kien konstipat allura kien qabad u ha l-pilloli kollha, I mean kien hemm oddities ta' behaviour, Mr Mercieca kien jidher Ii ma kienx kompletament I mean konsistenti, koerenti bhala bniedem, pero m'hemm I'ebda ndikazzjoni Ii gie assessjat ghall-kapacita' testamentari.

Ix-xhud rrefera ghar-referral note li saret fl-isptar fis-27 ta' Marzu 2009 meta Alfred Mercieca kien l-isptar (fol. 105 tal-process) u qal li l-kontenut tar-rapport jindika li l-pazjent kien hazin hafna, kien depressed hafna, xorta baqa' outpatient. Hu ma seghax jaghti opinjoni kif kien bhala testamentary capacity fis-27-3-09 pero kellu concerns kbar fit-27.3.09 b'dak it-tip ta' rapport". Zied li ghalkemm in-notament ta' wara jmur ghall-2010 ix-xhud jahseb li l-pazjent ma ghamilx follow-up l-isptar. Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk bir-rapport mediku tas-27 ta' Marzu 2009, il-pazjent setghax jitqies kapaci jaghmel testament, ix-xhud qal li fl-opinjoni tieghu ma kienx kapaci. Il-Qorti staqsiet jekk xahar wara jekk il-pazjent baqa' fl-istess kondizzjoni u ma kienx qed jobdi t-tehid tal-medicini preskritti, kienx ikun kapaci jaghmel testament, ix-xhud irrisponda li kien ikollu diffikulta jaghraf ir-realta.

Xehed **Geoffrey Falzon** li qal li sar jaf lil Alfred Mercieca meta gie joqghod faccata taghhom fil-Gzira fl-2008. Alfred kien jaf lil genituri tieghu u saru hbieb mill-ewwel u tant kellhom relazzjoni tajba u saru qishom missier u iben. Kien imur jarah kuljum daqqa fil-ghodu u daqqa fil-ghaxija u joqghodu jitkellmu. Alfred sar jafdah hafna tant li meta marad hafna qabel dahal l-isptar ried jaghmillu prokura biex imurlu l-bank pero x-xhud ma rieda ghax jaf li kellu problem ma' hutu specjalment huh Joseph. L-ahhar disa' xhur ta' hajtu ghamilhom fl-isptar u mbaghad San Vincenz. Hu kien izuru kuljum. Alfred ma kellux relazzjoni stabbli ma' familtu u fihom cioe x-xhud, martu u wliedu sab familja tant li kienu spiss johorguh maghhom. Alfred ma kellux relazzjoni tajba ma' huh Joseph u meta talbu jsajjarlu hu flok Joseph, dam jahsibha ghax ma riedx inkwiet mal-familja ta' Alfred. Gieli sema' glied u ghajjat bejn Alfred u huh Joseph u gieli sema' lil Joseph jghidlu biex igiblu Nutar ha jaghmel testament. Joseph kien isemmi lix-xhud ghax kien jaf bit-testment li Alfred ghamel favurihom. Anki meta kien l-isptar Alfred kien jghidlu biex igiblu nutar jaghmel testament.

Ghalkemm kien dijabetiku Alfred kien socjevoli hafna u kien ihobb johrog u dan sa ftit xhur qabel dahal l-isptar. Imbaghad beda jaghmel f'qalbu ghax beda jitlef id-dawl ta' ghajnejh u n-nuqqas ta' smigh kien jirrendih nervuz. Hu qal li Alfred ma kienx juri sinjali li ma kienx fi stat mentali tajjeb kif iddeskrivewh il-familjari tieghu. Li kieku ma kienx jinvolvi ruhu daqshekk mieghu u ma' familtu specjalment meta x-xhud qal li kellu tfal zghar. Hu cahad li Alfred kien satanist tant li qatt ma tilef il-quddies tal-Hadd u kien ordna zewg kwadri tal-Madonna, wiehed ghax-xhud u l-iehor ghal knisja tal-Gzira. Alfred tant kien japprezza lix-xhud u lil familja tieghu illi hu jghidlu li ser jahseb fih u familtu ghax kien ser jaghmel testment. Kein mar wahdu jaghmel testment u l-ghada gie bih u qalilhom izommuh ghandhom ghax beza minn hutu. Tant kien generuz li meta x-xhud beda jbati finanzjarjament minhabba tnaqqis fil-paga, Alfred kien tah xi haga tal-flus.

**Mario Saliba** u **Alan Spiteri** li joqghodu ftit boghod minn Alfred Mercieca qalu li l-konvenut u familtu kienu minn ta' gewwa ghand Alfred u kienu jkunu ghand xulxin. Kienu jwassluh fejn ghandu bzonn u anki jsajjrulu.

In-**Nutar Henri Vassallo** xehed li jiftakar lil Alfred Mercieca ghax trid tghajjat biex jifhmek billi ma tantx jisma. Alfred qallu ezatt x'ried u ddettalu kemm dwar il-funeral u l-legat lid-Dar tal-Provvidenza. Ma talabx certifikat mediku minghand Alfred ghax kien jaf x'qed ighid, kien qed jifhem u ma kienx daqshekk anzjan. In-nutar qal li ilu jipprattika mill-1981 u qabel jaghmel testament ikellem lil persuna biex tiehu l-impressjoni tieghu. F'dan il-kaz Alfred Mercieca tah l-impressjoni li kien hemm min jiehu hsiebu u kien hemm min ma riedx jaf bih avolja jigi minnu. Alfred Mercieca qallu li l-konvenuti kienu qed jiehdu hsiebu u xtaq li jhalli lilhom. Mar wahdu jaghmel it-testment.

**Claudette Falzon** ikkonfermat ix-xiehda ta' zewgha u qalet li kienu jitkellmu fuq kollox ma' Alfred Mercieca. Qalilhom li kien imur ghand xi tobba pero aktar kien jiftah qalbu ma' zewgha milli maghha u kien iqatta aktar hin mieghu milli kienet hi. Kienet taf li Alfred kien jaghmel testment favurihom pero qisha ma xtaqitx ghax ma kienux jaghmlu li jaghmlu mieghu ghalhekk. Hi kienet issajjarlu, tixtrilu u anki tiehu hsiebu.

Ma’ hutu dejjem jillatika, specjalment Joseph, pero ma kinitx taf fuqhiex kienu jillatikaw, ghalkemm darba semghet lil Joseph jghid lil Alfred li ried it-testment fuqu.

**Konsiderazzjonijiet**

In tema legali s-sentenza fl-ismijiet **Rosalinda Rita Portelli et vs Carmen Portelli**, (PA 25/10/2013) qalet hekk fuq il-principji rilevanti li jiggvernaw il-kaz:

> Illi l-artikolu 597(b) u (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi:
> Huma inkapaci li jiddisponu b’testment:
> (b) dawk li, ghalkemm mhux interdetti, ma jkunux kapaci li jifhmu jew li jkollhom volonta, jew li, minhabba xi difett jew hsara, ma jkunux kapaci, ukoll permezz ta’ interpreti, li jesprimu r-rieda taghhom:
> Izda testment jista’ biss isir permezz ta’ interpretu jekk dan ikun testment pubbliku u n-nutar li jkun qed jircievi ttestment ikun sodisfatt, wara li jaghti gurament lill-interpretu, li dak l-interpretu jista’ jinterpreta x-xewqat tat-testatur b’mod korrett;
> (d) dawk li, ghalkemm mhux interdetti, ma jkunux f’sensihom fiz-zmien tat-testment’;
>
> Illi imbaghad l-artikolu 599 tal-Kap 16 jistipula li ‘it-testmenti maghmulin minn persuni inkapaci huma nulli, ukoll jekk l-inkapacita’ tat-testatur tispicca qabel il-mewt tieghu’.
>
> Illi z-zmien relevanti ghall-prova ta’ din l-inkapacita’ d-dottrina tghallem li:
> ‘Se senz’essere alienato, il testatore si trovava nell’impossibilita’ di manifestare il proprio volere, bisogna naturalmente che l’attore provi che la causa che gl’impediva di manifestare la sua volonta’ esisteva nel momento dell’atto’ (**Laurant: Principii di Diritto Civile**; Vol XI para 139 pag 144).
>
> Illi kif intqal fis-sentenza **Lewis Spiteri vs Angela Aquilina** (Cit Nru: 785/2003GV deciza fit-28 ta’ Gunju, 2006) meta ssir kawza ghall-impunjazzjoni ta’ testment minhabba inkapacita’ mentali tat-testatur il-principji li jiggvernaw il-vertenza ghandhom ikunu ssegwenti:
> Fl-ewwel lok, il-kapacita’ li wiehed jaghmel testment hija r-regola u l-inkapacita’ hija l-eccezzjoni, u ghalhekk il-presunzjoni hija favur il-kapacita’; liema presunzjoni hija “juris tantum”. Kull persuna ghandha titqies of sound mind u li tippossjedi l-fakultajiet mentali ta’ persuna ordinarja, u ghalhekk ghandha tkun prezunta bhala kapaci. Huma kkonsidrati inkapaci li jiddisponu b’testment dawk li fi zmien it-testment ma jkunux f’sensihom.
>
> Illi sabiex it-testatur ikun kapaci jaghmel testment ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu, imma huwa bizzejjed li jkollu l-uzu tar-raguni fi grad tali li jippermettilu jkun jaf x’inhu jaghmel. Ma hemmx ghalfejn illi it-testatur ikollu “una mente perfettamente e rigorosamente sana, ma basta quell limitato uso della ragione che permette la coscienza di cio’ che si faJJ.. basta che chi dispone per testamento sia fornito di sufficiente

> percezione raziocinio o memoria onde sia capace di determinazione e di volonta' ragionata, e sappia che cosa voglia eleggere ed operare circa le persone e le cose ..." (**Giuseppe Formosa vs Giuseppa Axiak**, Appell Civili deciz fl-20 ta' Gunju, 1938).
>
> L-inkapacita' tat-testatur ghandha tigi ppruvata minn min irid jimpunja t-testment. "Huwa principju accettat li, kemm fil-kaz ta' persuna li ma kienitx kapaci taghmel testment, u kif ukoll fil-kaz fejn jigi allegat li persuna kienet imgeghla taghmel testment, il-piz tal-prova jaqa' fuq min irid igib it-thassir tat-testment" (**John Agius vs Carmelo Agius**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fit-8 ta' Lulju, 2004).
>
> Sabiex tigi stabbilita l-insanita' mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi, u mhux biss semplici kongetturi u possibilitajiet "i fatti e gli argomenti devono essere precisi e concludenti trattandosi di persona defunta a riguardo della quale non sono piu' possibili quegli esperimenti medico legali". Min jipprova jimpunja testment jehtieg li juri li fil-mument tat-testment jew, almenu skond xi awturi, fl-epoka li sar it-testment it-testatur ma kienx kapaci. "La prova deve essere piena e rigorosa talmente da accertare che il disponente quando testava non aveva coscienza dello atto che compiva, ne' volonta propria" (**Giuseppe Formosa vs Giuseppa Axiak**, Appell Civili, 20 ta' Gunju, 1938);
>
> Il-Qrati taghna dejjem kienu riluttanti li jammettu d-domandi biex jigi annullat testment minhabba insanita' mentali tat-testatur jekk dik l-inkapacita' ma tkunx irrizultat b'mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li t-testatur kien qieghed jaghmel it-testment (Vol 34 p 108 App **Vassallo vs Dr. V. Sammut** 24 ta' April 1950 u Vol 30 p 1 p 176 App **Formosa vs Axiak** 20 ta' Gunju 1938).
>
> Ir-ragjonevolezza tad-disposizzjonijiet kontenuti fit-testment hija wahda mill-kriterji li ghandhom iwasslu lill-gudikant biex jiddeciedi dwar l-insanita' mentali jew le tat-testatur, jigifieri biex jiddeciedi jekk fil-waqt li kien qieghed jaghmel it-testment, it-testatur kellux kuxjenza bizzejjed ta' dak li kien qieghed jaghmel u volonta' li jiddetta dawk id-disposizzjonijiet li hemm fit-testment.
>
> Ghandhom ukoll relevanza qawwija d-deposizzjonijiet ta' nies professjonali, bhat-tabib kuranti tat-testaturi u n-Nutar li ghamel it-testment, dwar l-istat u l-komportament tat-testatur fiz-zmien relevanti.

Trattat il-qies u kejl tal-prova li trid tingieb biex testament jigi dikjarat null, din il-Qorti issa trid tifli l-provi prodotti biex tasal ghal konkluzjoni jekk fil-fatt Alfred Mercieca kienx kapaci jifhem u japprezza dak li kien qed jaghmel u kienet ir-rieda konxja u libera tieghu li jiddisponi minn gidu kif effettivament ghamel.

ix-xiehda tal-kontendenti hi kontradittorja. Filwaqt li x-xiehda tal-atturi senjament hutu Alfred Mercieca, cioe Joseph u Francesco kif ukoll in-neputi Raymond Hili jaghtu stampa negattiva hafna tal-istat mentali ta' Alfred Mercieca li tmur lura ghaz-zmien ta' meta Alfred kien ghadu zghir sa ma miet, ix-xiehda tal-konvenuti, werrieta ta' Alfred li kienu ilhom jafuh b'mod aktar intimu mindu Alfred Mercieca gie joqghod faccata taghhom fl-2008 isostnu illi maghhom qatt ma wera s-sinjali ta' mohh marid kif deskritt mill-atturi.

Dak li jirrizulta car hu illi fil-fatt Alfred Mercieca kellu problemi kemm fizici kif ukoll mentali. Il-problemi fizici kienu n-nuqqas serju ta' smigh u d-dijabete li bdiet taffettwalu gravement il-vista specjalment lejn l-ahhar ta' hajtu. Jirrizulta wkoll illi Alfred Mercieca kien ibati minn depression kronika.

Ghalkemm ix-xiehda tal-atturi fiha deskrizzjoni ta' episodji li juru instabbilita fil-mohh, almenu kif rakkontata minnhom u li din il-Qorti hasset li ghandha tirrikapitola fid-dettall f'din is-sentenza, ma jirrizultax b'mod car kronologija ta' dati specifici meta graw dawn l-episodji, il-frekwenza bejn wahda u ohra u x'kien jigri fil-perjodi meta ma kienux jigru l-episodji gravi rakkontati mill-atturi.

Il-Qorti tqis illi dak li qed jigi impunjat hu testament li sar f'data specifika cioe fit-30 ta' April 2009 u jrid jigi pruvat mill-atturi illi f'dak il-perjodu Alfred Mercieca kien ghaddej minn instabbilita mentali tali illi ma jistax jitqies kapaci li japprezza dak li kien qed jaghmel. Il-Qorti mhix qed tippretendi illi l-atturi jridu bilfors igibu prova cara tal-inkapacita fid-data preciza tat-testment ghax kif intqal fil-kawza **Carmela Abela vs Gatt**, (02/07/1897 Vol. XVI pg 92):

> Che la sanita di mente suppone due condizioni: la spontaneita dell'atto e la piena coscienza di cio che si fa. Il-tempo del testament suppone un period e non soltanti il-momento contestuale all' atto. Per la qual cosa-come ha considerate la Cassazione romana nella sentenza dell'11 maggio 1877, - nella ponderazione delle circostanze deve aversi in vista un period, da cui ragione – volmente per fatti prossimi e circostanze concomitanti, si possa arguire quale sia il vero stato mentale del testatore all'epoca del testament (Raccolta XXIX, I, 463)

L-atturi jtellghu bhala prova indipendenti zewg xhieda certu Dominic Abela li kien jahdem bhala watchman ma' Alfred Mercieca u gara tal-istess Alfred Mercieca, Maria

Dolores Gatt li t-tnejn esprimew l-opinjoni li Alfred kellu problemi mentali. Il-konvenuti wkoll tellghu xiehda indipendenti li kienu wkoll joqghodu vicin ta’ Alfred Mercieca cioe lil Mario Saliba u Alan Spiteri li xehdu biss dwar ir-relazzjoni mill-qrib li kien hemm bejn Alfred Mercieca u l-konvenuti.

Bla dubju din il-Qorti ghandha hjiel car mill-provi illi Alfred Mercieca kellu tbatijiet fizici u mentali li f’certu mumenti li ma jirrizultax it-tul taghhom kienu jwassluh biex ikollu hsibijiet koroh fuq hajtu. Pero l-provi tal-partijiet wahedhom ghalkemm indikattivi mhux konklussivi b’tali mod li din il-Qorti tista’ fuqhom biss tasal ghal konkluzzjoni li fil-mument li ghamel it-testment u fiz-zmien prossimu ghat-testment Alfred Mercieca ma kienx compos mentis biex jaghmel it-testment.

Il-Qorti tqis li tehtieg prova aktar cara u din il-prova tista’ u setghet issir bit-testimonjanza ta’ min ghandu l-kapacita medika, tenut kont tal-mard ta’ Alfred Mercieca, li jitfa’ dawl fuq il-gravita u l-konsegwenzi prattici, materjali, fizici u mentali li jgibu maghhom l-istat ta’ sahha ta’ Alfred Mercieca.

Jirrizulta ex admissis mill-attur Joseph Mercieca illi Alfred Mercieca qatt ma kien fl-isptar Monte Carmeli ghal kura psikjatrika, izda gie esebit il-file mediku ezistenti ta’ Alfred Mercieca li jmur lura sal-1986 u jasal sal-mewt tieghu. Il-provi urew illi fil-fatt Alfred Mercieca kien qed isegwi kura psikjatrika out patient fl-isptar Mater Dei izda ma jidhirx li kien hemm tabib jew specjalista kuranti tieghu b’mod dirett li seta’ jixhed ezattament fuqu u jaghti l-opinjoni esperta di prima mano.

Fil-fatt ittellghu jixhdu tlett tobba, tnejn minnhom li isimhom jidher fil-file mediku. Xehed Dr Fiorentino, supretendent tal-isptar San Vincenz fejn Alfred Mercieca qatta’ l-ahhar xhur ta’ hajtu wara li marad sew u ma setghax jibqa’ jghix wahdu d-dar. Hu qara l-case summary tal-isptarijiet Mater Dei u ta’ Karen Grech li jkopru l-perjodu 7 ta’ Marzu 2011 sal-4 ta’ April 2011 (fol. 122 sa 126 tal-process). Minn din il-case summary jirrizulta biss illi ddahhal l-isptar konfuz u anzjuz u li kellu storja ta’ dijabete u schizophrenia, ghalkemm dan ma kienx xi sejbien mediku ta’ Dr Fiorentino izda biss qari ta’ dak li kien hemm fil-case summary tal-isptar Mater Dei. Il-Qorti qieset din ix-xiehda mhux ezawrjenti jew probativa bizzejjed tal-istat mentali ta’ Alfred Mercieca

fl-2009 meta ghamel it-testment ghax dan l-episodju jirreferi ghal sentejn wara fl-ahhar ta' hajjet Alfred Mercieca meta jidher li s-sitwazzjoni fizika u mentali tieghu ggravat.

Gie prodott ukoll il-psikjatra Dr Joseph Vella Baldacchino li ghalkemm xehed li mill-file tal-isptar prodott hemm il-firma tieghu bhala l-konsulent psikjatriku f'Mater Dei, pero l-probabilita hi illi ma jkunx ha hsieb il-pazjent direttament billi l-lista ta' pazjenti tavvicina t-tlett elef izda jkunu hadu hsiebu t-team mediku tieghu. Minn qari tan-notamenti hu pero wasal ghall-opinjoni li oltre diversi problemi fizici f'ghajnejh u fl-udit, Alfred Mercieca jidher li kellu storja ripetuta ta' depression. Mill-file sab zewg notamenti ta' tobba ohra cioe geriatrician li rah l-isptar Karen Grech u iehor certu Dr Herman Farrugia prezumibilment it-tabib kuranti tieghu, li ssuggeraw ezami tal-kapacita mentali u iehor irrifera ghal mental retardation. In kwantu ghal uzu tal-kelma schizophrenia li hemm fil-file mediku, hu ma setghax jaghti opinjoni izda spjega li fit-teorija persuna tista' tbati minn schizophrenia izda tkun genju u l-kapacita tieghu tkun qeghda sew u d-debilita mentali tkun qed tigi kawzata minn fatturi ohra medici fizici bhal hypothyroidism li jidher li kien ibati minnha wkoll Alfred Mercieca. Din ix-xiehda wkoll fl-opinjoni tal-Qorti hi nieqsa mill-valur probattiv essenzjali li turi illi fiz-zmien tat-testment u fil-perjodu vicin antecedenti u sussegwenti Alfred Mercieca kien qed ibati minn anomalija psikjatrika li rrendietu inkapaci jifforma rieda sufficjenti biex jifhem u jiddisponi b'gidu ghal wara mewtu.

L-ahhar xhud li dahal fid-dettal fuq il-kondizzjoni mentali ta' Alfred Mercieca kien Dr Etienne Muscat, ukoll psikjatra fl-isptar Mater Dei li oltre li esebixxa l-file mediku shih ta' Alfred Mercieca (Dok. EM1), xehed li ra lil Alfred Mercieca meta dan iddahhal l-isptar fil-25 ta' Awwissu 2009 u kien tal-opinjoni li Alfred Mercieca kien ibati minn chronic depression u li ddahhal wara overdose, b'tendenza suicida. F'dak iz-zmien ikkonkluda li ghalkemm kien distressed u depressed ma kienx psikoteku fis-sens li ma kienx maqtugh mir-realta. Meta rah, l-intenzjoni suicida kienet marritlu izda kellu depression minhabba li ma kienx jara sew bid-dijabete. Hu kien ppreskriva pilloli li fl-2009 minhabba burokrazija fid-dipartiment kellu jiccertifika li l-pazjent kellu schizo effective disorder, altrimenti ma kienx jinghatawlu. Hu xtaq li l-pazjent ikompli bil-kura ghad-depression izda fl-1 ta' Settembru 2009 il-pazjent ried jitlaq mill-isptar u hekk

sehh. Il-Qorti ikkonsidrat li l-entrata li jmiss fil-file tal-isptar tirreferi ghas-17 ta' Novembru 2009 meta Alfred Mercieca rega' ddahhal l-isptar ghax ha overdose ta' insulina u dan skond in-noti li hemm ghax in-nurse tal-MMDNA ma marritx u allura injetta lilu nnifsu. Wara dan in-notament Alfred Mercieca rega' ddahhal l-isptar fil-5 ta' Ottubru 2010 ghax instab mitluf id-dar pero l-kundizzjoni tieghu tjiebet u gie discharged fit-8 ta' Ottubru 2010 b'rakkomandazzjoni li jkollu aktar ghajnuna komunitarja.

Il-Qorti tqis li dawn ir-rizultanzi medici suggegwenti ghal Awwissu 2009 li fil-fehma tal-Qorti kienu bzonnjuzi ghal stampa aktar cara li juru persuna li minn zmien ghal iehor kien juri mgieba barrra minn normal pero dejjem b'referenza ghall-istat fiziku tieghu li kien jitfghu f'depression u jaghmel xi haga li biha jbati fizikament sakemm jigi regolat bil-medicini biex jistabilizzaw il-qaghda fizika tieghu. Ma jfissirx li Alfred Mercieca ma kienx ibati minn perjodi koroh u l-Qorti tifhem u taccetta li fil-fatt Alfred Mercieca kien jixtieq li jmut u ma jibqghax aktar ibati fizikament. Dan pero wahdu mhux bizzejjed biex juri li f'perjodi mifruxa u mhux qosra, nonostante d-dwejjeq tieghu, ma kienx ikun jaf u japprezza dak li qed jaghmel. L-impulsivita ta' azzjonjiet ukoll eccessivi u perikoluzi ghas-sahha wahedhom mhix il-prova li trid il-ligi ghal sejbin ta' nuqqas ta' kapacita mentali.

Dr Muscat pero jirreferi ghan-noti u jiddeskrivi meta l-pazjent iddahhal l-isptar fis-27 ta' Marzu 2009 fuq referral mill-Gzira Health Centre fis-26 ta' Marzu 2009 fejn jiddeskriva s-sitwazzjoni ta' Alfred Mercieca bhala serja hafna ghax kien depressed hafna. Pero mistoqsi mill-Qorti jekk fi-sitwazzjoni li kien meta ddahhal fl-isptar kien iqisu bhala kapaci jaghmel testament ix-xhud qal li f'dik il-kundizzjoni f'dak il-hin ma kienx iqisu kapaci. Ipotetikament jekk Alfred Mercieca baqa' f'dik il-kundizzjoni xahar wara meta ghamel it-testment u ma kienx qed jiehu l-medicini preskritti ghal kondizzjonijiet ta' sahha tieghu, ix-xhud qal li l-persuna kien ikollha diffikulta taghraf ir-realta.

Il-Qorti tapprezza illi l-opinjoni medika ta' Dr Muscat fiha piz mhux traskurabbli izda tali opinjoni ghandha sahha ghal dak li jirrigwarda dak riportat fis-27 ta' Marzu 2009. Lanqas jirrizulta meta Alfred Mercieca gie rilaxxat mill-isptar peress illi l-entrata ta'

wara hi kif gia relevat f'Awwissu tal-istess sena. Ma jirrizultax anqas jekk fix-xahar li ghadda minn Marzu sal-ahhar ta' April meta ghamel it-testment Alfred Mercieca, l-istess Alfred Mercieca kienx qed jiehu l-medicini u ghalhekk il-kundizzjoni mentali tieghu ma kinitx tali li twassal lit-tabib li jqisu mhux fi stat ta' kapacita testamentarja. Il-provi medici jridu jkunu konvincenti u bazati fuq fatti pruvati. Hlief ghall-episodju ta' Marzu 2009, ebda tabib ma esprima l-opinjoni li Alfred Mercieca ma hux kapaci jaghmel testament nonostante d-depression qawwija li kellu hlief ghal opinjoni ta' Dr Muscat fuq episodju wiehed f'Marzu 2009 liema episodju ma jirrzulta la d-durata tieghu u anqas x'sehh meta u wara li Alfred Mercieca gie rilaxxat. L-episodju sussegwenti li nnecessita rikoveru fl-isptar kien erba' xhur wara fejn ma nghatat ebda opinjoni li fil-fratemp Alfred Mercieca kien inkapaci mentalment.

Dan wassal lil Qorti ghal fatt iehor pruvat cioe l-mument li fih Alfred Mercieca ghamel it-testment fit-30 ta' April 2009. Alfred Mercieca mar wahdu jaghmel dan it-testment. Din fiha nfisha, fil-fehma tal-Qorti, turi volonta indipendenti da parti tal-mejjet li ma kienx meghjun b'ingann, sfurzat jew mgieghel jersaq ghat-testment. In-Nutar Vassallo li ghandu esperjenza notarili ta' aktar minn tletin sena, ghalkemm mhux espert mediku, izda ghandu esperjenza kbira tal-imgieba umana fil-kors tal-ezercizzju tal-professjoni tieghu, kien car u kategoriku fil-fehma tieghu li Alfred Mercieca kien jaf ezatt x'irid, iddetta hu x'ried jaghmel inkluz legati. Ftakar lil Alfred Mercieca personalment ghax ried jghajjat biex jifhmu u illi kien kellmu u l-istess Alfred Mercieca kien tah l-impressjoni li l-konvenuti kienu qed jiehdu hsiebu u ried jippreferihom fuq ohrajn li ma riedux jafu bih avolja tal-familja u ghalkemm mistoqsi ghaliex ma talabx certifikat mediku hu rrisponda li darba li kien jidher li t-testatur jaf x'qed jghid u jrid, u jifhem x'kien qed jinghad u ma kienx ta' eta avanzata ma dehrulux li kien il-kaz li jitlob certifikat mediku.

Din ix-xiehda fil-fehma tal-Qorti tnehhi kull dubju dettat mir-raguni illi Alfred Mercieca ma kienx kapaci jersaq ghal testament. Alfred Mercieca mar wahdu u l-kontenut tat-testment juri illi min ghamlu kellu idejat cari dwar dak li jrid. Bizzejjed harsa lejn it-tieni artikolu tat-testment a fol. 280 tal-process li juri illi Alfred Mercieca ddispona somma cara ta' €4,600 (circa Lm2,000) ghal funeral tieghu. Tra parentesi l-istess neputi Raymond Hili jixhed illi zijuh kien jghidlu li jrid funeral kbir. Dan ma jurix

persuna li ma tafx x'qed tghid jew xi trid. Halla wkoll somma ghal quddies fil-parrocca fejn kien jghix kif ukoll terz tal-flus fil-bank lid-Dar tal-Provvidenza. Hu minnu illi halla l-eredita lil konvenuti, cioe barranin bla ma halla xejn lil hutu. Pero dan ma jfissirx li ma kienx jaf x'qed jaghmel. Ma kellux obbligu jhallilhom xejn u anki jekk jitqies li kien eccentriku li jhalli gidu lil barranin li kien ilu jafhom biss sena, avolja kien jaf lil genituri tal-konvenuti, b'daqshekk ma jistax jinghad li ma kienx jaf x'qed jaghmel. Fil-fatt it-testment ma nbidilx sa mewtu sentejn u nofs wara u dan meta tqis li qablu Alfred Mercieca ghamel diversi testmenti fuq perjodu ta' hmistax-il sena. Ir-rieda espressa min Alfred Mercieca fit-testment tal-2009 kienet cara, normali fil-klawsoli maghmula b'dettall li juri rieda u intenzjoni li ma jistghux jitqiesu strambi. In oltre ma kienx hemm tibdil b'testmenti ohra u wara dan bi klawsoli li forsi setghu gew interpretati anomali.

Din il-Qorti fuq il-fatti u opinjonijiet ta' tobba espressi min-notamenti medici ta' Alfred Mercieca ma tistax tasal ghal fehma mitluba mill-atturi illi hemm prova cara u konvincenti li Alfred Mercieca ma kienx kapaci skont kif trid il-ligi jersaq ghat-testment tat-30 ta' April 2009, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi ma tqis illi t-talbiet attrici gew pruvati u ghalhekk qed tichad it-talbiet taghhom stante li t-testment ta' Alfred Mercieca tat-30 ta' April 2009 fl-atti tan-Nutar Henri Vassallo hu validu u skont il-ligi, bl-ispejjez ghall-atturi.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur